**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer u Spettur Gabria Gatt)**

**kontra**

**AHMED QADAR ABUUKAR AHMED**

**(Permess ta' residenza Maltija No. 51922A)**

Kaz Nru.: 144/2021

**Illum, 22 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Ahmed Qadar Abuukar Ahmed**, iben Abuukar Ahmed u Seina, minghajr residenza fissa u / jew residenti fi 53, Triq Depiro, Sliema, detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 51922A u imwieled Somalja nhar l-1 ta' Jannar 1988, senjatament akkuzat talli nhar id-dsatax (19) ta' Settembru, 2021, bejn is-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) u s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs), gewwa l-gzejjer Maltin;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew

ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja, jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, ppreseduta mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras, nhar it-12 ta' Dicembru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat li fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet biss, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-istess u taghtu zmien biss sabiex jirrikonsidra l-istess ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

[1] Ara fol. 10 tal-atti processwali.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

I. **L-ispettur Leeroy Balzan Engerer** xehed li fid-19 ta' Settembru 2021ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija gie infurmat mill-pulizija fi hdan is-sezzjoni tal-Community Policing (PC1461) li ghandu bzonn l-assistenza tal-pulizija tad-distrett ghaliex kienu ghadhom kif waqqfu zewgt persuni fi Triq San Gorg, San Giljan gewwa Spinola Gardens. Fir-rapport inghad li waqt li l-imsemmija pulizija kienu qed jaghmlu r-ronda taghhom innotaw xi persuni jagixxu b'mod suspettuz l-ghaliex giet osservata persuna li kellha basket griz tohrog borza b'xi affarijiet u tghaddieha lill-persuna ohra li dahlet dina l-borza go basket iswed. PC1461 waqqaf lill-qua imputat li kien qed igorr il-basket ta' kulur iswed u nfurmah li kienet ha ssir tfittxija fl-imsemmija basket. Fl-imsemmi basket ta' kulur iswed allegatament instabu erbatax-il sachet sustanza suspettata cannabis, tmin sachets bi trab abjad suspettat cocaine kif ukoll borza ohra kontenenti droga suspettata cannabis. PC1461 irraporta ukoll li hekk kif kien ghadu fi Spinola Gardens avvicina ukoll certu Nasir Aydiid Abi u cioe dak il-persuna li huwa gharaf bhala l-persuna li kienet ghaddiet l-affarijiet lill-qua imputat u nfurmah li l-basket il-griz li kien thalla hemmhekk kien tieghu. Dawn iz-zewgt persuni gew arrestati, mghotija d-drittijiet taghhom u mehuda l-ghassa tal-Mosta biex tigi mwiezna d-droga.

II. **PC1461 Alfred Bray** jispjega bil-gurament tieghu li fid-19 ta' Settembru 2021 waqt li kien qed jaghmel *patrol* gewwa Triq San Gorg fil-gnien gewwa Spinola osserva zewgt persuni wiehed jghaddi pakkett lill-iehor. Jghid li qasam it-triq sabiex imur fuqhom. Kif wasal hdejhom huwa osserva lill-persuna (wara identifikata bhala Nasir Aydiid Abi) iqum u jitlaq 'l hemm u l-qua imputat jibqa' bilqeghda fuq bicca cinta tal-konkos. Il-qua imputat gie mistoqsi x'ghandu fil-baskett fejn dan infurmah li ma kellu xejn. Ix-xhud talbu jiftah il-basket, il-qua imputat fetah il-basket u malli l-pulizija hares go fih ra borza b'sustanza hadra, boroz b'sustanza bajdanija; u boroz ohrajn b'sustanza hadra iktar izghar. Mistoqsi s-sustanza ta' min kienet il-qua imputat wiegeb li ma jafx madanakollu kkonferma li l-basket huwa tieghu. Sussegwentament reggha resaq Nasir Aydiid Abi hdejhom biex jiehu l-basket. Fil-fatt Abi spjega li kien ser jiehu l-basket ghax kien insieh warajh. Mistoqsi x'kien ghadda lill-qua imputat, Abi qal li ma ghaddhielu xejn. Ix-xhud jikkonferma ukoll li huwa ghamel tfittxija fil-basket t'Abi, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv. Ix-xhud jikkonferma li lil dawn iz-zewgt persuni li huwa kien waqqaf f'dan il-gnien jarahom diversi drabi fl-istess gnien u li l-qua imputat kien qed igorr basket iswed.

Ix-xhud identifika lil persuna li kienet bilqieghda fuq ic-cint bhala l-qua imputat Ahmed Qadar Abuukar Ahmed u kkonferma li l-borza bid-droga instabet gewwa basket iswed.

III. Xehed **Dr. Martin Bajada** hekk kif nominat minn dina l-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni. Huwa estratta l-kontenut tal-mobile phone ezebiet u mmarkat bhala Dok. LBE3[2]. Il-Qorti annalizat ir-relazzjoni ta' Dr. Bajada fejn ghalkemm jidher li hemm ritratti[3] li jistghu jkunu konnessi mas-sustanza kokajina u Kannabis ma tressqet l-ebda prova ohra fir-rigward tal-istess. Jinghad ukoll li ma jidher li hemm xejn ta' relevanza fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni fid-dati hekk kif dedotti.

IV. Xehed **il-Perit Dr. Robert Musumeci** ukoll fil-kapacita tieghu bhala espert hekk kif nominat minn dina l-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni[4], ikkonkluda s-segwenti:

> *"Route distance between the location where the accused was allegedly intercepted and the access to the bar having a sign mounted on the external façade displaying the words 'Johnnie Walker': 30 metres;*
> *Route distance between the location where the accused was allegedly intercepted and the bar having a sign mounted on the external façade displaying the words 'Big G's Snackbar': 33.9 metres;*
> *Route distance between the location where the accused was allegedly intercepted and the access to the bar having a sign mounted on the external façade displaying the words: 'Quenchers': 40.8 metres"*[5]

V. Xehed ukoll l-ispizjar **Godwin Sammut** li kien nominat minn dina l-Qorti sabiex janalizza s-sustanza misjuba fil-basket iswed, immarkata bhala Dok. LBE2[6]. Illi fil-konkluzzjoni tieghu Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratti mehuda mill-buds ta' lewn hodor li hemm gewwa d-dokument Dok. LBE2 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz totali tal-buds kien ta' 33.90g u l-purita kienet ta' circa 18%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija*

---

[2] Ara fol. 26 tal-atti processwali.
[3] Ara IMG20201020-WA0000 -2; IMG20201021-WA0000-1; IMG20210126-WA0000; IMG20210127-WA0002 -3.
[4] Ara fol. 26 tal-atti processwali
[5] Ara fol. 58-59 tal-atti processwali
[6] Ara fol. 26 tal-atti processwali

*kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fuq estratti mehdua mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument Dok. LBE2 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 3.06 g u l-purita kienet ta' circa 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[7]

**L-ispettur Gabria Gatt** xehdet li fid-19 ta' Settembru 2021 ghall-habta tas-sebgha u kwart hija giet infurmata minn PC1461 stazzjonat fi hdan il-pulizija tal-komunita' li waqt li kien ghaddej patrol minn San Giljan huwa kien innota zewgt persuni iqassmu basket lil xulxin. Hija kienet giet infurmata li saret tfittxija u li ntalbet l-assistenza mill-ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud kienet cemplet lill-ispettur tal-ghassa gewwa San Giljan dakinhar u cioe' lill-ispettur Balzan Engerer u infurmatu li kienet ser tassistieh fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Hija kkonfermat ukoll li kienet prezenti waqt l-istqarrijiet li ttiehdu permezz tal-audiovisual. In kontroezami hija kkonfermat li hija ma kinitx prezenti ma PC1461 meta gew arrestati l-qua imputat flimkien ma Nasir Aydiid Abi.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2021, d-difiza talbet lil dina l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga liema talba giet michuda permezz ta' digriet datat 25 ta' Jannar 2022 ghar-ragunijiet hemmhekk elenkati. Id-difiza talbet ukoll li jithejja *social inquiry report* fil-konfront tal-imputat.

Rat ukoll li fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022, hekk kif gia nghad l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu;

## Ikkunsidrat ulterjorament

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni l-qua imputat jinsab akkuzat b'pussess aggravat tad-droga kokajina u pjanta cannabis. Illi intrinsikament marbut ma dawn l-imsemmija imputazzjonijiet, l-imputat jinsab ukoll akkuzat li dawn l-imputazzjonijiet ta' pussess aggravat sehhew f'distanza ta' entro l-mitt metru minn post fejn jiltaqghu z-zghazagh. U konsegwenzjalment f'kaz li jirrizulta htija f'dawn l-imsemmija imputazzjonijiet, l-imputat huwa ukoll akkuzat li huwa recidiv b'sentenza ta' dina l-Qorti datata 12 ta' Dicembru 2016.

Illi hekk kif nghad iktar qabel f'din is-sentenza l-qua imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u cioe' ghall-imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga kokajina kif ukoll ghall-

[7] Ara fol. 41 tal-atti processwali.

imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga cannabis. Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-qua imputat instab *flagrante delicto* fil-pussess tal-imsemmija drogi minn PC1461. Illi l-imsemmija sustanzi kienu mizmuma f'basket iswed li kien fil-pussess tal-istess qua imputat. Illi dawn is-sustanzi gew annalizati mill-espert mahtur minn dina l-Qorti li kkonferma li sustanzi kienu Cannabis fl-ammont ta' 33.90 g u kokajina fl-ammont ta' 3.06g.

Fir-rigward ta' dawn iz-zewgt imputazzjonijiet, dina l-Qorti qieset ukoll is-segwenti fatti ppruvati mill-prosekuzzjoni:

- li l-imputat instab fil-pussess ta' zewg sustanzi differenti, t-tnejn meqjusa sustanzi perikoluzi;
- l-ammont tal-imsemmija sustanzi li nstabu fil-pussess tieghu, li kienu ammonti konsiderevoli u li normalment ma jkunx ikkonsmati minn persuna wahidha;
- il-mod ta' kif dawn is-sustanzi kienu mqassma f'diversi pakketti b'piz ferm simili[8]; u
- il-lok ta' fejn instab bihom u cioe' f'post pubbliku maghruf ghad-divertiment miz-zghazagh,

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn dina l-evidenza kif ukoll fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel zewgt imputazzjonijiet gew pruvati sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli;

Illi fir-rigward tal-aggravju tal-mitt metru li huwa intrinsikament marbut mal-ewwel zewgt imputazzjonijiet, il-prosekuzzjoni talbet lil dina l-Qorti sabiex tahtar espert bil-ghan li jigi determinat jekk fejn gie arrestat il-qua imputat kienx jaqgha f'parametru ta' *entro* l-mitt metru minn post fejn jiltaqghu z-zghazagh. Illi l-Perit Robert Musumeci pprezenta r-relazzjoni tieghu fil-lingwa ingliza u dana minkejja li l-proceduri kienu qed isiru fil-lingwa maltija. Mill-atti processwali ma jirrizultax li d-difiza qatt ezentat lill-prosekuzzjoni mit-traduzzjoni tal-istess dokument ghaldaqstant dina l-Qorti ai fini ta' dina l-imputazzjoni ser tghaddi sabiex tiskarta l-imsemmija relazzjoni. Fin-nuqqas tal-istess relazzjoni dina l-Qorti ma hijiex tal-fehma li t-tielet imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni li tirrigwardja l-addebitu tar-recidiva dina l-Qorti hija sprovvista minn kwalsiasi prova in konnessjoni mal-istess u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-istess.

[8] Ara fol. 68-69 tal-atti processwali.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li taghhom il-qua imputat qed jinsab hati kif ukoll ic-cirkostanzi relatati mal-istess, l-fedina penali tieghu, s-social inquiry report redatt fil-konfront tieghu u r-relazzjoni ta' Dr. Sammut Henwood. Qieset ukoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni ghalkemm dina saret fl-ahhar stadji tal-proceduri.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, **qed tillibera lill-qua imputat mill-ahhar zewgt imputazzjonijiet filwaqt li qed issib lill-istess imputat Ahmed Qadar Abuukar Ahmed hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' dsatax-il xahar prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (Eur. 1,500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija, hamsa u ghoxrin Ewro (Eur. 125) fix-xahar**. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebieta (Dok. LBE2), hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti qeghda tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-imputat Ahmed Qadar Abuukar Ahmed sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 992.98[9] konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

[9] Liema ammont ta' spejjez ma jinkludix l-ispejjez tal-Perit Musumeci u dana fid-dawl tal-mottivazzjonijiet mghotija iktar kmieni f'din is-sentenza ghal dak li jirrigwardja t-tielet imputazzjoni.

Christine Farrugia

Deputat Registratur